**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru: 346/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Scerri)**

**vs**

**Uros Colic**
**(detentur tal-Passapost Kroat bin-numru HRV293303045)**

**Illum, 28 ta' Settembru 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Uros Colic** ta' 25 sena, iben Vladislav u Biljana nee` Ostogic, imwieled Belgrad il-Kroazja nhar it-2 ta' Settembru 1994, u residenti Nru. 4, Strawberry Court, Triq Innoċenz Zammit, Msida, detentur tal-passaport Kroat bin-numru **HRV293303045**;

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar it-23 ta' Lulju 2020, kif ukoll fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel:

1. Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jitraffika f'dawn il-Gżejjer mediċina (*cannabis grass*), bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni;

2. Importa jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (*cannabis grass*) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta` tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

F'każ ta' ħtija, in oltre, il-Qorti ġiet mitluba tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta' Lulju 2020, bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[1];

Rat ukoll illi fis-seduta tat-13 ta' April 2021, waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu[2];

Rat in oltre l-Kontro-Ordni tal-Avukat Ġenerali tal-4 ta' Awwissu 2022, bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 u tal-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex l-imputat jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi miġjuba kontra tiegħu għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[3];

---

[1] Ara a fol. 11 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 117 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 1274 tal-proċess.

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Awwissu 2022, l-imputat iddikjara illi m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ġudikat minn din il-Qorti fil-kompetenza tagħha surreferita[4];

Rat in oltre illi fl-istess seduta, l-imputat debitament assistit irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jikkunsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi permezz ta' rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat Uros Colic ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali datat 4 ta' Awwissu 2022, ir-rikorrenti ddikjaraw illi kienu qegħdin jaqblu u jitolbu lil din il-Qorti sabiex "*fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Uros Colic ghall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn dina l-Onorabbli Qorti ghandha tkun dik ta' tlett (3) snin u disgħa (9) xhur priġunerija effettiva u multa ta' sebat elef ewro (€7,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra tassattiva ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitolu 9 u tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta*."[5]

Tqis għalhekk illi l-Prosekuzzjoni u l-imputat kif debitament assistit qablu fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-istess imputat Uros Colic u ċioe` il-piena msemmija fir-rikors konġunt tal-4 ta' Awwissu 2022.

Tqis għall-fini tal-piena li sejra tiġi inflitta, illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proċeduri ma kinitx waħda bikrija, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ. Tqis in oltre illi mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut jirriżulta illi huwa ġie mogħti dokument wieħed mingħand l-Ispettur Anthony Scerri, liema dokument ġie mogħti l-kodiċi tal-laboratorju 135_20_01 u kien jikkonsisti f'*evidence bag* bin-numru LC0024822 li kien fih borża tal-plastik trasparenti vojta u *buds* ta' lewn ħodor. L-istess espert ikkonkluda hekk dwar dan id-dokument:

[4] Ara a fol. 1277 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 1273 tal-proċess.

> **"Illi fuq estratti meħuda mill-*buds* ta' lewn ħodor li hemm fid-dokument 135_20_01 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piż total tal-*buds* kien ta' 500 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 25%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."**[6]

Mit-tieni relazzjoni esebita mill-istess espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[7], jirriżulta wkoll illi:

> **"Skond il-*Malta Country Drug Report 2017,* il-valur ta' *Herbal Cannabis* kien ta' bejn EUR 10 sa EUR 28 kull gramma. Dan jagħti valur ta' EUR 5,000 sa EUR 14,000".**

Tqis ukoll li l-fedina penali tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern kienet waħda netta, għalkemm hawn irid jingħad ukoll illi mill-istqarrija rilaxxjata minnu jirriżulta wkoll illi huwa kien ilu ġewwa Malta biss għall-perjodu ta' seba' xhur.[8]

Tqis għalhekk fid-dawl tas-suespost, illi għandha taderixxi mat-talba konġunta magħmula mill-istess partijiet permezz tar-rikors tagħhom tal-4 ta' Awwissu 2022.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 12, 14, 15A, 22(1)(a), 22(1)(f), 22(1A), 22(1B), 22(2)(b)(i) u 22(3A)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Uros Colic** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' tliet (3) snin u disa' (9) xhur priġunerija effettiva – li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ - u multa ta' sebat elef ewro (€7,000) li, kemm il-darba ma titħallasx, għandha tiġi konvertita f'sitt xhur priġunerija ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti maħtura fil-proċeduri u fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia s-somma ta' mitejn u tliet ewro u tliet ċenteżmi (€203.03), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut (Dok. GS 1), is-somma ta' ħames mija, erbgħa u erbgħin ewro, ħamsa u tmenin ċenteżmu (€544.85), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-

---

[6] Ara r-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut esebita a fol. 77 *et seq* tal-proċess.
[7] Ara a fol. 85 *et seq* tal-proċess.
[8] Ara l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fl-24 ta' Lulju 2020, a fol. 18 u 19 tal-proċess.

espert Keith Cutajar (Dok. KCX), is-somma ta' mija, tlieta u disgħin ewro, wieħed u sittin ċenteżmu (€193.61), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert Keith Cutajar (Dok. KCX 1), is-somma ta' tliet mija, sebgħa u disgħin ewro u sitt ċenteżmi (€397.06), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert Keith Cutajar (ukoll Dok. KCX), is-somma ta' mija, tmienja u erbgħin ewro u sittin ċenteżmu (€148.60), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PS 586 Mario Azzopardi (Dok. MA 1) u s-somma ta' sebgħa u erbgħin ewro u sebgħin ċenteżmu (€47.70), rappreżentanti nofs l-ispejjeż[9] konnessi mar-relazzjoni ta' PC 1491 Kurt Attard (Dok. KA 1), f'total ta' elf, ħames mija, erbgħa u tletin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€1534.85), kif ukoll l-ispejjeż relatati mar-relazzjoni ta' Maya Brown (Dok. MB 1), liema spejjeż għandhom jiġu stabbiliti mir-Reġistratur. Dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien erba' (4) xhur mil-lum, jew altrimenti jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-*mobile phone* esebit bħala Dok. AS 1 favur il-Gvern ta' Malta.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes, jew proprjeta` mobbli oħra u tal-proprjeta` immobbli kollha tal-ħati.

Finalment sakemm il-Prosekuzzjoni ma tindikax b'nota, illi għandha tiġi preżentata <u>fi żmien ħmistax-il jum</u> mid-data ta' din is-sentenza, illi d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħra kontra terzi persuni, tordna d-distruzzjoni tad-droga, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[9] Il-Qorti qed tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas biss nofs l-ispejjeż konnessi ma' din ir-relazzjoni stante li numru ta' oġġetti li ġew iffotografati jirrigwardaw terza persuna.